# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 883/15MH**

**Illum 9 ta' Frar, 2018**

**Architecture Project Socjeta' ta' detenturi ta' warrant registrata ai termini tal-Kapitolu 390 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Periti) bin-numru P/2**

**vs**

**Awtorita' tad-Djar**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-23 ta' Settembru 2015** permezz ta' liema premettiet:

1. *"Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tal-2005, l-Awtorita' tad-Djar, infurmat lir-rikorrenti li kienet intgħażlet sabiex tipprovdi "Architectural Consultancy Services" għall-proġett tad-djar ġewwa s-sit magħruf bħala tal-Blat il-Qamar fis-Siġġiewi. L-Awtorita' intimata infurmatha ukoll li dan il-proġett seta' jibda kif appena tiġi trasferita lilha l-art mill-Joint Office. (Dokument hawn anness u mmarkat bħala "**Dok AP1**").*

2. *Illi fit-tmienja u għoxrin (28) t' Awwissu, 2006, l-Awtorita' intimata bagħtet ittra lir-rikorrenti li permezz tagħha elenkat id-diversi servizzi relatati mal-proġett li l-Awtorita' kienet ser tirrikjedi, kif ukoll ir-rata li hi kienet lesta li tħallas għal dawn is-servizzi, jekk din ta' l-aħħar taċċetta l-inkarigu. (Dokument hawn anness u mmarkat bħala "**Dok AP2**").*

3. *Illi sussegwentement, u skond l-istruzzjonijet tal-Awtorita' intimata, ir-rikorrenti bdiet taħdem fuq id-disinn tal-proġett.*

4. *Illi fl-erbgħa (4) ta' Frar tal-2008, l-Awtorita' ikkonfermat l-approvazzjoni tagħha għad-disinn sottomess mir-rikorrenti u awtorizżatha tissottometti l-applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp lill-Awtorita' għall-Ambjent u l-Ippjanar fuq wieħed minn tlett partijiet tal-proġett li kien mqassam fuq tlett siti viċin xulxin. (Dokument hawn anness u mmarkat bħala "**Dok AP3**").*

5. *Illi sussegwentement ir-rikorrenti kompliet tirrendi s-servizzi skond il-pjanti approvati u struzzjonijiet tal-istess intimata.*

6. *Illi dan nonostante, l-intimata, wara li hi stess approvat id-disinn qabel l-istess ġie sottomess u approvat mill-MEPA, talbet lir-rikorrenti sabiex issir reviżjoni tal-ispejjes fuq dik il-parti tal-proġett li għaliha kien diġa inħareġ Full Development Permit.*

7. *Illi lejn l-aħħar tal-2008, meta r-rikorrenti kienet irrendiet diversi servizzi lill-Awtorita' intimata, u dan dejjem skont l-istruzzjonjiet mogħtija lilha, (liema servizzi huma elenkati fid-dokument anness u*

*mmarkat bħala "**Dok AP4**"), l-istess Awtorita' infurmat lir-rikorrenti sabiex ma tibqax taħdem fuq il-proġett sakemm jingħataw struzzjonjiet ulterjuri, minħabba l-fatt li kien hemm xi tibdil fil-Ministeru.*

8. *Illi peress li għal sena sħiħa, ir-rikorrenti ma rċeviet l-ebda struzzjoni minn għand l-Awtorita' intimata, u peress illi ma kien sar l-ebda ħlas għas-servizzi reżi, ir-rikorrenti bagħtet ittra fejn inter alia talbet il-ħlas ta' disgħa u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€39,658.86) in rappreżentanza għal dawk is-servizzi li rrendiet lill-Awtorita' intimata fuq struzzjonjiet tagħha stess, u li tagħhom hi kienet għada ma tħallsitx. (Dokument hawn anness u mmarkat bħala "**Dok AP5**").*

9. *Illi l-Awtorita intimata arbitrarjament, iddeċidiet li minflok tħallas l-ammont ta' disgħa u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€39,658.86), hi kellha tħallas biss l-ammont ta' sittax – il elf, tminn mija u sitta u disgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€16,896.51) għaliex skont hi dan kellu jkun l-ammont dovut skont il-kalkoli tagħha, u dan nonostante l-fatt li l-intimata baqgħet titlob servizzi minn għand ir-rikorrenti sabiex inter alia jiġġedded il-permess għal proġett mertu ta' din il-kawża. (Dokument hawn anness u mmarkat bħala "**Dok AP6**").*

10. *Illi minkejja li r-rikorrenti interpellat lill-Awtorita intimata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont pendenti ta' tnejn u għoxrin elf, seba' mija u tnejn u sittin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu **(€22,762.35),** u dan ukoll permezz ta' ittra uffiċjali datata it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2014, l-*

*Awtorita' intimata baqgħet inadempjenti. (Ittra hawn anness u mmarkat bħala "***Dok AP7***").*

***GĦALDAQSTANT**, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

***(i)*** *Tiddikjara li l-Awtorita' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti Architecture Project fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, seba' mija u tnejn u sittin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu **(€22,762.35)** jew somma oħra li tista' tiġi llikwidata minn din il-Qorti;*

***(ii)*** *Tikkundanna lill-Awtorita intimata tħallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta' tnejn u għoxrin elf, seba' mija u tnejn u sittin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu **(€22,762.35)** jew somma verjuri hekk illikwidata;*

*Bl-ispejjez ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-Awtorita' intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-Awtorita' tad-Djar tat-30 t'Ottubru 2015**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

1. *"Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

---

[1] Fol 30 et seq

2. *Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn Art 2149(c) u, jew bil-preskrizzjoni ta' hames snin a bazi tal-Art 2151 (2) – Kap 16;*

3. *Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-atturi iridu jaghtu prova dokumentarja tal-formazzjoni u registrazzjoni tas-socjeta imsemmija u iridu jindikaw anke b' mod dokumentarju minn huma is-socji tal-istess socjeta'. U dan anke ghaliex l-istess socji huma kollha responsabbli in solidum ghal obbligi kollha tal-istess Socjeta – Kap 390 (9) u (10).*

4. *Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-atturi ma ghamlux xoghol li jiswa l-ammont indikat fir-rikors guramentat u l-konvenuti hallsu dak kollu li kellhom ihallsu – ghalhekk hemm inesistenza totali ta' dan id-debitu reklamat issa;*

5. *Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ser tigi prezentata nota mill-konvenuti li tindika dak li skont il-konvenuti kien dovut jiehu l-attur – liema ammont thallas fl-intier tieghu. U f' kull kaz il-bqija tal-ammont rikjest mill-atturi hu preskritt;*

6. *Illi intant ukoll u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ghahekk il-kont mahrug mill-atturi hu hazin u hemm inezistenza tal-kreditu mitlub;*

7. *Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, hu evidenti li il-mod kif l-atturi ghamlu il-kalkoli taghhom hu skorrett."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat **id-digriet taghha tal-11 ta' Dicembru 2015**[2] fejn ordnat li f'dan l-istadju jitressqu provi dwar it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' konvenuta li tirrigwarda l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet dwar din l-eccezzjoni.

Rat id-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar din l-istess eccezzjoni preliminari[3].

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta' attrici intaghzlet mill-Awtorita' konvenuta sabiex tipprestalha diversi servizzi professjonali fuq struzzjonijiet taghha stess fir-rigward ta' progett tad-djar gewwa s-Siggiewi. Eventwalment, lejn l-ahhar tas-sena 2008 l-Awtorita' nfurmat lil din is-socjeta' sabiex tissospendi s-servizzi taghha sakemm jinghataw struzzjonijiet ulterjuri u dan minhabba xi tibdil fil-Ministeru li taht ir-responsabbilta' tieghu taqa' l-Awtorita'. Wara circa sena li s-socjeta' attrici baqghet ma semghet xejn minghand l-Awtorita', hija baghtet kont lill-Awtorita' fis-somma ta' €39,658.86 rapprezentanti servizzi resi lilha sa dakinhar. Skont is-socjeta' attrici l-Awtorita' konvenuta arbitrarjament iddecidiet li tali somma kienet eccessiva u wara kalkoli li ghamlet hija hallset lis-socjeta' attrici biss is-somma ta' €16,896.51. Fil-kawza odjerna s-socjeta' attrici qeghda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-Awtorita' konvenuta hija debitrici taghha fis-somma

[2] Fol 72
[3] Verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2017 a fol 132

rimanenti dovuta ta' tnejn u ghoxrin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€22,762.35) jew somma ohra li tista' tigi likwidata minn din il-Qorti u sabiex tikkundannaha thallas tali somma lill-istess attrici.

Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari taghha li l-azzjoni attrici hija preksritta, fil-mertu, l-Awtorita' konvenuta tirribatti fost ohrajn li s-socjeta' attrici m'ghamlitx xoghol li jiswa l-ammont indikat fir-rikors guramentat u li hija diga' hallset dak kollu li kellha thallas lill-attrici. Fil-fehma taghha l-Awtorita' ghalhekk ma fadlilha ebda pendenza versu s-socjeta' attrici.

L-isfond fattwali kif jirrizulta mill-atti sa issa ghal fini ta' din l-eccezzjoni preliminari huwa li –

1. Fis-**7 t'Awissu 2005** l-Awtorita' tad-Djar harget sejha ghal applikazzjonijiet ghal *"Architectural Consultancy Services to the Housing Authority"*[4], li ghaliha applikat is-socjeta' attrici flimkien ma' periti/ditti ta' periti ohra;

2. Permezz ta' **ittra datata 21 ta' Dicembru 2005**[5] l-Awtorita' konvenuta infurmat lis-socjeta' attrici li hija kienet giet *shortlisted* biex tipprovdi tali servizzi. L-atturi gew infurmati wkoll li malli jigu trasferiti lilha l-artijiet intizi ghall-progetti ta' akkomodazzjoni socjali minghand l-Ufficcju Kongunt, l-Awtorita' kienet ser terga' tikkuntattjahom sabiex jibdew id-disinji mehtiega ghax-xoghol;

3. Permezz ta' **ittra datata 28 ta' Awissu 2006**[6] l-Awtorita' konvenuta infurmat lis-socjeta' attrici li t-trasferiment ta' l-art in kwistjoni, maghrufa bhala tal-Blat il-Qamar gewwa s-Siggiewi kien se jsir fil-vicin u ghalhekk bghatitilha

[4] Fol 35
[5] Fol 8
[6] Fol 9 et seq

skeda tas-servizzi professjonali rikjesti minnha kif ukoll il-kundizzjonijiet applikabbli ghall-progett in konnessjoni ma' dak is-sit. L-Awtorita' ndikat ukoll ir-rata massima ta' 7% (VAT eskluz) tal-valur certifikat tax-xoghlijiet bhala hlas. Is-socjeta' attrici giet mitluba tindika jekk hija kinitx f'qaghda li tipprovdi s-servizzi professjonali taghha skont ir-rata u l-kundizzjonijiet indikati. Ma' din l-ittra giet annessa lista ta' servizzi professjonali[7] li kienu mehtiega ghal dan il-progett;

4. Permezz ta' **ittra datata 5 ta' Settembru 2006**[8], is-socjeta' attrici kkonfermat l-interess taghha li tipprovdi s-servizzi professjonali taghha bir-rata u l-kundizzjonijiet stipulati fl-ittra tat-28 t'Awissu 2006. Xi punti dwar aspetti partikolari ta' dan ix-xoghol imressqa mis-socjeta' attrici gew indirizzati f'risposta mibghuta mill-Awtorita' fil-**25 t'Ottubru 2006**[9];

5. Permezz ta' **ittra datata 4 ta' Frar 2008**[10] l-Awtorita' avzat lis-socjeta' attrici li hija kienet accettat id-disinji taghha ghall-progett u li ghalhekk l-attrici setghet tipprocedi bl-applikazzjoni relattiva quddiem il-MEPA;

6. **F'Settembru 2008** gie approvat il-Permess ghall-Izvilupp tas-sit in kwistjoni. F'dak l-istess xahar l-Awtorita' issospendiet is-servizzi tas-socjeta' attrici in vista ta' tibdiliet fil-Ministeru responsabbli u dan sabiex jigi deciz jekk il-progett kienx ser jitkompla jew le[11].

7. Peress li sa sena wara din is-sospensjoni tas-servizzi kienet ghadha fis-sehh, permezz ta' **ittra datata 9 ta' Dicembru 2009**[12] is-socjeta' attrici talbet lill-

[7] Fol 11 et seq
[8] Fol 42
[9] Fol 44
[10] Fol 14
[11] Xhieda tal-perit David Felice a fol 76
[12] Fol 15 et seq

istess Awtorita' thallasha tas-servizzi li hija kienet irrendiet sa dak il-perjodu li lahhaq is-somma ta' €39,658.86[13];

8. Minn din is-somma l-Awtorita' accettat li thallas biss is-somma ta' €16,896.51, liema **hlas sar fil-5 t'April 2010**[14];

9. F'**email datata 16 ta' Jannar 2012**[15] rapprezentant tas-socjeta' attrici informa lill-Awtorita' li kien ghadu kemm ircieva rikjesta minghandha biex jiffirma *MEPA Change of Client Form*, liema rikjesta huwa kien iffirmaha u kien ser jimpustaha lura lill-Awtorita'. Madankollu fakkarha li kien ghad hemm pendenti l-hlas rimanenti ghas-servizzi taghha fuq il-progett;

10. Izda fl-**ittra taghha tal-20 ta' Frar 2012[16],** l-Awtorita' nfurmat lis-socjeta' attrici li hija ma kinitx ser thallas dan l-ammont ta' €22,763.25 ghax it-taqsima teknika tal-Awtorita' kienet irrevediet il-kont ghas-servizzi professjonali fl-2010 u ma kinitx qablet mal-ammonti mitluba mis-socjeta' attrici u hallset biss is-somma kif riveduta mill-periti taghha. B'hekk hija kienet hallset biss ghat-tariffi professjonali skont kif gew ri-kalkulati mill-periti taghha. *Breakdown* ta' kif waslu ghas-somma ta' €16,896.51 giet annessa mal-ittra[17];

11. Eventwalment l-Awtorita' konvenuta talbet lis-socjeta' attrici biex tipprocedi bl-applikazzjoni ghat-tigdid tal-permess tal-izvilupp tal-MEPA[18]. L-applikazzjoni giet sottomessa **fl-14 ta' Frar 2014**[19] u l-permess imgedded hareg fid-**9 ta' Gunju 2014**[20];

---

[13] Notification for payment a fol 17
[14] Fol 19
[15] Fol 53
[16] Fol 18
[17] Fol 19
[18] Xhieda perit David Felice a fol 77 u skambju ta' emails a fol 91 et seq
[19] Fol 99 et seq
[20] Fol 106 et seq

12. Sadanittant fl-**1 t'April 2014**[21] is-socjeta' attrici harget fattura ghas-somma ta' €731.60 fir-rigward tas-servizzi professjonali moghtija ghat-tigdid tal-permess mal-MEPA, liema fattura ma kienx hemm qbil maghha mill-Awtorita' konvenuta kif turi korrispondenza elettronika bejn il-partijiet **f'Ottubru 2014**[22]. L-Awtorita' konvenuta hallset biss is-somma ta' €613 li giet accettata mis-socjeta' attrici[23];

13. Sal-lum is-socjeta' attrici ghadha ndikata bhala d-ditta ta' periti nkarigata minn dan il-progett ta' Housing fis-Siggiewi[24];

14. Permezz ta' **ittra ufficjali datata 22 t'Ottubru 2014**[25]**,** is-socjeta' attrici nterpellat lill-Awtorita' thallasha s-somma ta' €22,762.35 bhala bilanc rimanenti allegatament dovut ghas-servizzi professjonali resi lilha in konnessjoni mal-progett tal-Awtorita' gewwa s-sit maghruf bhala Blat il-Qamar is-Siggiewi;

15. Permezz ta' **ittra legali datata 31 t'Ottubru 2014**[26]l-Awtorita' rrespingiet il-pretensjoni tas-socjeta' attrici ghall-hlas u nfurmatha li fl-ittra taghha tal-20 ta' Frar 2012 l-istess Awtorita' kienet diga' rrespingiet it-talba ghall-hlas ta' din is-somma ta' €22,762.35. L-Awtorita' kompliet tghid li ghax-xoghlijiet maghmula l-Awtorita' kienet diga' hallset fl-2010;

[21] Fol 59
[22] Fol 60
[23] Fol 34 u xhieda tal-perit Felice a fol 78
[24] Fol 79
[25] Fol 20
[26] Fol 62

16. Gew esibiti wkoll numru ta' fatturi mahruga mis-socjeta' attrici bejn Frar 2008 u Mejju 2015[27].

Elenkati dawn il-fatti, jmiss tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-Awtorita' konvenuta li tghid hekk –

*"Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn Art 2149 (c) u, jew bil-preskrizzjoni ta' hames snin a bazi tal-Art 2151 (2) - Kap 16;"*

**L-artikolu 2149 (c) tal-Kap 16** jghid hekk –

*2149. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*[….]*

*(ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;"*

**L-artikolu 2151 tal-Att** ikompli hekk –

*"2151. (1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor.*

[27] Fol 85 et seq

*(2) Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-egħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni."*

Fil-kaz tal-lum huwa car li d-dispozizzjoni applikabbli hija **l-artikolu 2149 (c) tal-Kap 16** peress li dak li s-socjeta' attrici qeghda titlob huwa hlas t'ammont allegatament dovut lilha ghal servizzi professjonali rezi minnha lill-Awtorita' konvenuta in konnessjoni mal-progett ta' *housin*g gewwa s-Siggiewi. Kif anke jirrizulta mill-elenku tal-fatti, huwa pacifiku bejn il-partijiet li s-socjeta' attrici giet inkarigata biex taghti s-servizzi professjonali taghha bhala ditta ta' periti kif indikat fil-lista ta' servizzi mehtiega mahruga mill-Awtorita' konvenuta stess a fol 11 et seq fosthom il-"*general architectural proposal*", il-preparazzjoni u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni ghall-izvulupp mal-MEPA, il-preparazzjoni ta' disinji u pjanti marbuta mal-progett ta' housing fis-Siggiewi.

Invece l-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 2151 (2) tal-Att ma hi ta' ebda ghajnuna ghat-tezi tal-Awtorita' peress li kif inhu ammess minnha stess fis-sottomissjonijiet taghha, almenu ghal dak li jirrigwarda l-parti mill-kont li dwaru giet intavolata l-kawza odjerna, dan huwa fermemement kontestat mill-Awtorita' gie accettat minnha. B'hekk l-effetti ta' dan is-sub-artikolu zgur li ma jistghux jigu estizi ghall-kaz tal-lum. Ghal kull buon fini l-Qorti tinnota li dwar dan l-artikolu tal-ligi hemm qbil bejn il-partijiet li ma japplikax ghall-kaz odjern[28].

[28] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorita' a fol 136 (para 15) u Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici a fol 146 (para 17)

Ferm il-premess, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Awtorita' ser tigi ezaminata biss mill-ottika ta' l-artikolu 2149 (c) tal-Att.

Dwar din id-dispozizzjoni tal-ligi inghad hekk fil-kaz **Perit Guido Vella vs Oliver Fenech deciz fil-15 t'April 2008**[29] -

*Permezz tat-tieni eccezzjoni, il-konvenut qieghed isostni li l-azzjoni ta' l-atturi hi preskritta b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16). F'paragrafu (c) ta' dan il-provvediment hemm inkluz azzjonijiet ta' "arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu". Il-perjodu hu ta' sentejn. Fil-kawza* ***Joseph Aquilina nomine vs Edgar Ellul*** *moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Gunju 1994:- "****il-konvenut li jeccepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepita hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv****. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jaghzel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizorju". Hekk ukoll fil-kawza* ***Guido J. Vella vs Dr. Emanuel Cefai*** *deciza mill-istess Qorti fil-5 ta' Ottubru 2001, gie osservat li fir-rigward ta' din l-eccezzjoni "min jaghtiha kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u* ***cioe' li kien bhala fatt iddekora t-terminu statutorju preskrittiv****.* ***Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni****. Altrimenti kien japplika l-principju 'contra non valentem agere non currit prescriptio". Il-Qorti kompliet tghid li kien* ***"....jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi***

[29] Cit 105/99

***t-terminu preskrittiv** u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni" (enfazi talQorti).*

*Wiehed ma jridx jinsa li f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima (**Prof. Anthony J. Mamo ne vs Nutar Emmanuele Agius** deciza fil-25 ta' Novembru 1957 mill-Qorti ta' l-Appell – Volum XLI.i.546)."*

Kif appena nghad, kien jinkombi fuq l-Awtorita' turi b'mod definittiv il-mument minn meta t-terminu ta' preskrizzjoni beda ghaddej skont il-ligi. Fis-sottomissjonijiet taghha l-Awtorita' ma tindika ebda data preciza li skont hi, it-terminu tas-sentejn ghandu jibda ghaddej minnha. B'hekk m'hux car ghall-Qorti jekk l-Awtorita' konvenuta hiex qeghda tippretendi li l-preskrizzjoni bdiet tghaddi minn meta nghataw is-servizzi li taghhom qed jintalab il-hlas kontestat, jew minn meta nharget il-fattura li dwar parti minnha l-Awtorita' qeghda tikkontesta l-hlas jew kwalunkwe moment iehor. L-Awtorita' ffukat l-argumenti taghha fuq il-punt biss li kontijiet sussegwenti ghal dak kontestat mahruga mis-socjeta' attrici u li ghalihom sar hlas mill-Awtorita' ma jammontawx ghar-rikonixximent tad-debitu da parti taghha peress li fil-fehma taghha dan kien hlas ghal xoghol gdid li ma kellu x'jaqsam xejn mat-tender originali.

Madankollu, u b'zieda mal-gurisprudenza citata l-Qorti tissottolinea l-obbligu taghha li xorta tindaga hi dwar id-data li minnha beda ghaddej it-terminu preskrittiv. Kif inghad fil-kaz **Citadel Insurance plc noe et vs Anthony Mizzi deciza fis-16 ta' Dicembru 2015**[30] **-**

[30] App Civili Nru 90/10

*"Il-Qorti dejjem u f'kull każ ghandha l-obbligu li tistharreg d-data minn meta lpreskrizzjoni tibda tiddekorri. Meta mill-provi li jitressqu m'hiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni, ghandha tichad l-eccezzjoni (ara sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet* ***John Bugeja vs Joseph Gauci****, 28 ta' Novembru 2002)."*

Minn naha l-ohra s-socjeta' attrici targumenta li s-servizzi professjonali moghtija minnha kienu varji, liema servizzi hija kienet ghadha qed tippresta anke wara li nhareg il-kont kontestat u ghalhekk il-preskrizzjoni tibda tiddekorri biss mill-mument li l-inkarigu tas-socjeta' attrici jigi terminat.

Fil-fehma tal-Qorti s-socjeta' attrici ghandha ragun.

Kif qalet il-Qorti fil-kaz **Il-Perit Arkitett Mariello Spiteri vs Henry Gauci Borda deciz fis-7 t'Ottubru 2016**[31] **-**

*L-inkarigu li nghata l-attur kien* ***wiehed,*** *u dak kollu li ghamel kien fir-rigward tal-istess inkarigu. L-appellanti ghamlu riferenza ghall-Artikolu 2151(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi:*

*"Fil-kazijiet imsemmijin fl-ahhar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok ghall-preskrizzjoni, ghad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xoghlijiet, servizzi jew qadi iehor."*

*5. Bil-mod kif qeghda tirraguna l-konvenuta, ikun ifisser li ghal kull haga li perit jaghmel fir-rigward tal-istess progett irid jitlob il-hlas fi zmien sentejn. Hekk per ezempju jekk jibghat ittra jew jaghmel telefonata, il-preskrizzjoni ghall-hlas tal-ispejjez u dritt tieghu tibda tiddekorri minn dakinhar li tintbaghat*

[31] App Nru 279/14

*l-ittra jew issir it-telefonata. Il-qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament li jwassal ghas-sitwazzjoni rragonevoli li perit irid kontinwament johrog kontijiet ghal kull haga li jaghmel, irrispettivament mill-importanza ta' dak li jaghmel fil-qafas tal-inkarigu li jkun inghata. L-inkarigu li nghata l-attur kien* **wiehed** *li spicca fis-27 ta' Marzu 2012. Kull haga li kien qieghed jaghmel l-attur kien jirrelata dwar l-istess progett, cjoe' l-izvilupp ta' porzjon art gewwa Hal Ghaxaq. Is-servizz li kien qieghed jaghti matul is-snin kien kollu relatat malistess bicca xoghol, cjoe' l-progett ghall-bini ta' maisonettes, appartamenti, penthouses u garaxxijiet f'Hal Ghaxaq (applikazzjoni numru 333/07). L-ahhar haga li l-ghamel kienet ittra datata l-1 ta' Frar 2012 li baghat lill-MEPA. Pero' kien biss fis-27 ta' Marzu 2012 li l-klijent infurmah li ma kienx ser jibqa' jinqeda bis-servizzi tieghu. Ghalhekk is-sentejn bdew jiddekorru minn dakinhar."*

Ukoll f'decizzjoni ohra tal-Qrati taghna nghad *"Jinsab ritenut mill-***Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (3 ta' Awissu 1992, Nru. 9221)** illi "*il contratto che ha per oggetto una prestazione d' opera intellettuale è da considerare unico in relazione a tutta l' attivita svolta in adempimento dell' obbligazione assunta e pertanto il termine di prescrizione del diritto al compenso decorre dal giorno in cui è stato espletato l' incarico commesso, non gia dal compimento di ogni singola prestazione professionale necessaria all' adempimento del compito assunto in cui si articola l' obbligazione del professionista"*[32]

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi huwa car li **s-servizzi resi mis-socjeta' attrici, kemm dawk li saru qabel ma nhareg il-kont kontestat kif ukoll dawk li saru wara, huma kollha naxxenti**

[32] **Joseph Gauci et. vs Saviour Farrugia**; Qorti ta' Appell 1516/2002/1

**minn inkarigu wiehed** moghti lilha mill-Awtorita' ghall-progett tad-djar li jinsab fis-sit tal-Blat il-Qamar is-Siggiewi.

**Dan iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li f'kaz bhal dak tal-lum, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-mument li jispicca jew jigi tterminat l-inkarigu tas-socjeta' attrici fil-prestazzjoni tas-servizzi li ghadha qed tippresta lill-Awtorita' konvenuta – mument li sallum ghadu ma avverax ruhu u ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni li tista' tigi sollevata b'success kontra s-socjeta' attrici.**

Isegwi li l-fatt wahdu li fil-mori ta' dan l-inkarigu s-socjeta' attrici fittxet li tipprova tigbor xi hlasijiet li fil-fehma taghha kienu dovuti lilha ghal parti mis-servizzi professjonali moghtija minnha sa' dak l-istadju (agir komprensibbli fid-dawl tal-fatt li l-Awtorita' kienet hallietha fi stat ta' ncertezza ghal circa sena dwar it-triq 'il quddiem ghall-progett), dan ma jfissirx li l-preskrizzjoni fir-rigward ta' tali somma kienet bdiet tiddekorri peress li l-inkarigu in kwistjoni la kien ghadu gie kompletat u lanqas imwaqqaf mill-Awtorita'. Infatti, anke wara li nhareg il-kont kontestat, l-Awtorita' kompliet tikkomunika mas-socjeta' attrici biex tkompli tezegwixxi aspetti ohra tal-inkarigu taghha, senjatament tibdil f'isem tal-klijent u tigdid tal-permess originali mahrug mill-MEPA. Attitudni din li ma thalli ebda lok ghal intrerpretazzjoni ohra hlief l l-inkarigu moghti lis-socjeta' attrici ghadu vigenti u *ongoing*. Huwa manifest li, fost il-lista ta' servizzi professjonali li l-Awtorita' nkludiet fl-inkarigu moghti lis-socjeta' attrici, kien hemm dawk tas-servizzi addizzjonali li jinvolvu lill-MEPA[33]. Kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Awtorita' konvenuta ghalhekk, b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jistghu dawn is-servizzi jigi meqjusa "godda" jew indipendenti mill-inkarigu originali moghti mill-Awtorita' lis-socjeta' attrici. Fuq kollox, huwa pacifiku li s-socjeta' attrici ghadha sal-lum

[33] Punt 14 a fol 11

ufficjalment rikonoxxuta bhala s-socjeta' ta' periti nkarigata mill-progett ta' *Housing* in kwistjoni anke ma' l-awtoritajiet kompetenti.

Jinghad ukoll li anke jekk il-hlas ghat-tigdid tal-permess sar b'mod apparti, dan ma jxejjinx l-unicita' tal-inkarigu ghall-fini ta' din l-eccezzjoni. Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva f'dan il-kuntest li hemm distinzjoni netta bejn il-kaz tal-lum u l-kaz **Dominic Department Stores Ltd vs Malta Dairy Products Ltd** citat mill-Awtorita' konvenuta. Dan mhux biss ghaliex l-artiklu tal-ligi nvokat kien wiehed differenti izda ghax il-merci li dwarhom kienet qeghda tigi eccepita l-preskrizzjoni kienu distinti u separati minn xulxin, b'dana li l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-hlasijiet separati li saru fir-rigward ta' uhud minn dawn il-merci ma jsibu ebda applikazzjoni ghall-kaz tal-lum. Hawn si tratta ta' operazzjonijiet differenti maghmula fl-istess negozzju. Fi kliem dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Giovanni Micallef vs Guiseppe Azzopardi**[34], (ghalkemm hawn titratta fornituri ta' inbid, pero bl-istess tematika diskussa):-

"*Che da cio emerge anche chiaro che i rapporti interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti d'indole commerciale perche' il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega …….. e quindi le somministrazioni e consegne che l'attore facevo al citato come evincesi dal complesso di prove non devono considerarsi come singole consengii a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto. Quindi i pagamenti che si facevano acconto importavano ricognizione dell'intero debito e la prescrizione deve incominciare dal di dell'ultima fornitura* ***quando cessavano i rapporti tra il contendenti.***"[35]

[34] Vol. XXVIII.i.751
[35] Enfasi tal-Qorti.

Fid-dawl tas-suespost din l-eccezzjoni ma tregix.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' konvenuta dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu tal-istess Awtorita'.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**